MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 319/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sharon Tanti)**
**Vs**

**Stephen Bonsfield**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Lulju, 1998, fin-Naxxar, ghall-habta tad-9.30 a.m., minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati :
1) arresta, zamm jew issekwestra lil martu M'Grace Bonsfield kontra l-volonta' taghha, filwaqt li ghamillha offiza fuq il-persuna, w bhala mezz sabiex tigi mgieghla

taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
2) fl-istess data, lok u cirkostanza, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ martu M’Grace Bonsfield, filwaqt li ghamel uzu minn arma regolari (mus);
3) fl-istess data, lok u cirkostanza, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu M’Grace Bonsfield kif iccertifikat minn Dr. Julian J. Mamo MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru, 2005, li biha wara li rat l-Artikoli 86, 87, 88, 201, 202, 207, 198, 221 u 17 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ erba’ (4) snin habs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w minnhom tilliberah skond il-ligi; in oltre, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-isfond matrimonjali tal-konjugi Bonsfield f’ kull aspett ta’ kull relazzjoni bejnithom u kkoncentrat fuq dak li jista’ jkun in-normalita’ jew *standards* komunement accettabbli bejn il-konjugi. 2. li l-Ewwel Qorti tat valur legali lill-akkuza ta’ arrest illegali biex torbot element f’ akkuza ohra separata w distinta tad-delitt ta’ stupru sabiex tikkonkludi li dan id-delitt kien akkompanjat b’ reat li jolqot l-ordni pubbliku w kwindi li din l-akkuza ta’ stupru tista’ titmexxa indipendentement mil-azzjoni privata. Din hi interpretazzjoni w applikazzjoni skorretta tal-ligi. 3. Li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova fil-grad rikjest mill-ligi l-ingredjenti necessarji ghad-delitt ta’ stupru. 4. li l-Ewwel Qorti ma dahlitx fl-istat mentali tal-akkuzat fil-**

**hin tal-allegat incident meta l-element intenzjonali huwa ingredjent *sine qua non* ghal kull delitt. 5. li l-Ewwel Qorti ma dahlitx fid-dettall dwar l-istat psikologiku ta' Mary Grace Bonsfield u lanqas fatturi ohra li jistghu jolqtu l-kredibilita' taghha izda hadet *bocca baciata* l-verzjoni taghha, tant li meta din aktar tard ipprovat tati stampa reali, din ma gietx accettata mill-Ewwel Qorti. Il-provi migjuba ma jammontawx b' certezza morali ghall-htija tal-akkuzi migjuba kontra l-appellant. 6. Li l-piena hija wahda eccessiva.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Semghet lill-allegata vittma tar-reat tixhed bil-gurament li hi ma taqbilx li zewgha jintbaghat il-habs, ghaliex hi ghandha zewgt itfal u ma tridhomx ikollhom imorru l-habs biex jaraw lill-appellant. Qalet ukoll li hi ghandha bzonn lill-appellant bhala *"support"* ghaliha w ghat-tfal. Qalet ukoll li issa hi w l-appellant ilhom separati b' kuntratt minn April, 2000 u hi tghix fid-dar konjugali ma uliedha fil-waqt li l-appellant jghix ghal rasu. Meta gara l-incident huma kien ilhom xi tnax il-sena mizzewgin u f' dan iz-zmien hi qatt ma kienet ghamlet rapport kontra zewgha. Mill-kuntratt tas-separazzjoni 'l hawn qatt ma kien hemm incidenti ohra. Darba hi kienet telqet mid-dar ghax ma kienetx tiflah u marret ghand ommha. Mill-incident 'l hawn kienet ghamlet tlitt gimghat il-*psychiatric unit* u baqghet tiehu l-pilloli sal-2001.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti w jidher li hu opportun li dawn jigu trattati wara li l-Qorti tiddisponi mit-tieni aggravju li jirrigwarda r-rinunzja tal-kwerela da parti ta' mart l-appellant u kif dan jincidi fuq il-prosegwiment tal-kaz.**

Illi bhala fatt hu minnu li l-vittma, wara li kienet xehdet *in extenso* fuq dak li kien ghamel l-appellant maghha fl-incident in kwistjoni, kienet regghet dehret quddiem l-Ewwel Qorti fl-1 ta’ Marzu, 2002 (fol. 187 et seq.) fejn qalet kategorikament : “Nixtieq nahfirlu minn kollox.” u aktar ‘l isfel (fol. 190) “Jiena nahfer f’ kollox.” u “Nixtieq nghid illi kieku l-affarijiet li graw dak in-nhar, graw illum il-gurnata, jien kif jien b’ sahhti, mohhi qed jahseb sew u kollox, ma kontx immur naghmel rapport, zgur mhux forsi.” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Dan ma jistax ma jittiehidx bhala rtirar tal-kwerela da parti tal-allegata vittma.

Pero’, l-abbli prosekutur issottometta li anki jekk, ghal grazzja tal-argument, l-kwerela kienet giet irtirata quddiem l-Ewwel Qorti, jibqa’ l-fatt li dan ma kien jiswa’ ghal xejn ghax l-azzjoni xorta wahda kienet prosegwibbli *“ex officio”* mill-Pulizija, skond il-ligi w skond il-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati. Dan il-punt legali, ormai gie trattat u ritrattat fil-gurisprudenza nostrana.

**Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fit-tul il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, tara li l-Avukat Generali ghandu ragun f’din is-sottomissjoni .**

**Illi hu minnu li dwar ir-reat ta’ stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali w dak ta’ attentat vjolent ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207, ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata skond l-artikolu 544 (a) u (c) tal-istess Kodici, pero’ l-proviso tal-istess artikolu 544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.**

**Issa, apparti l-akkuza ta’ stupru vjolent, attentat vjolent ghall-pudur u dik ta’ feriti ta’ natura hafifa, li jridu jitmexxew bil-kwerela tal-parti leza w li ghalhekk huma rinunzjabbli, l-appellant gie akkuzat ukoll b’ arrest illegali tal-istess martu skond l-artikoli 86, 87 u 88 tal-Kodici Kriminali li indubbjament huwa reat ta’ ordni pubbliku w li mhuwiex rinunzjabbli (ara.Appell**

**Kriminali** "Il-Pulizija vs. George Zarb" **[17.2.1997] fejn gie ritenut li :-**

*" fil-kaz ta' arrest illegali, si tratta ta' reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku."*

**Din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li *"r-reat ta' istanza privata huwa "akkompanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti , billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati"* (ara.** "Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar **"[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per Harding J,)**

Fid-dawl ta' dan huwa ovvju li r-reat ta' arrest illegali zgur li mhux rinunzjabbli w r-reat ta' stupru vjolent, u attentat vjolent ghall-tal-pudur li taghhom wkoll nstab hati l-appellant kienu akkompanjati minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe' r-reat kontemplat fl-artikoli 86, 87 88 tal-Kodici Kriminali li ukoll gie akkuzat bih u li tieghu ukoll instab hati mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-azzjoni kriminali ma kienetx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija *"ex officio".* Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju. L-irtirar tal-kwerela ghal massimu seta' jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri. (ara App.Krim. : "**Il-Pulizija vs. Godfrey Demanuele"** [5.6.2003])

**Ikkonsidrat;**

**Illi qabel ma tghaddi biex tikkonsidra t-tielet aggravju tal-appellant dwar li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-elementi tar-reat tal-istupru, din il-Qorti trid necessarjament tiddisponi dwar ir-rizerva li ghamel l-appellant fit-tieni paragrafu tat-taqsima 3 tar-rikors tal-appell tieghu,(fol. 7 tar-rikors)) fejn accenna b' mod**

**alkwantu vag ghad-dottrina legali dwar kemm jista' jkun hemm stupru bejn il-konjugi.**

**Illi dwar kemm hi koncepibbli l-akkuza ta' stupru kontra konjugi meta s-suggett passiv ikun il-konjugi l-iehor, l-awturi w l-gurisprudenza Taljana w Ingliza, li minnhom il-Qrati taghna jidderivu hafna mill-insenjament legali taghhom, mhumiex konkordi.**

**Il-**MANZINI **"Diritto Penale" (Vol. VII p. 272 et seq.) jikkummenta hekk fir-rigward :-**

"Rapporti tra coniugi – Poiche' la costrizione, per costituire reato, deve essere illegittima (v. vol. I , n.212), cosi' non e' punibile il coniuge che costringa l ' altro coniuge, mediante violenza o minaccia, alla congiunzione carnale secondo natura e in condizioni normali. Tra gli scopi del matrimonio, invero, e' anche quello di fornire "rimedium concupiscientiae" (2)

***(2) Codex iuris canonici Bened. XV , 1917, 1013 1: "Matrimonium finis primaries est procreatio atqwue educationi prolis; secundarium mutuum adiutorium et remedium concupiscientiae"***

***"Se la violenza costituisce per se' stessa reato, sara' applicabile quell ' l titolo delittuoso ch 'essa concreti, comprese le percosse, perche' nel detto caso la violenza carnale non costituisce reato, e quindi la violenza non e' elemento costitutivo del reato."***

**Pero' umbaghad jghaddi biex jippostula rizervi ghal dan il-principju generali :-**

***"…Ma se l' un coniuge costringe, col predetto mezzo, l'altro coniuge ad amplessi, il delitto di violenza carnale sussiste indubbiamente" (1)***

**(1)** ***Cass., 19 novembre 1933 (Giust. Pen., 1934 , II , 417) : "Atto carnale e' anche il congiungimento contro natura, e quindi commette il delitto preveduto nell"***

***art. 519 <u>chi costringe la propria moglie a coito contro natura</u>.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti)**

Lo stess e’ da dirsi quando l’ un coniuge usi la forza o la minaccia per ottenere l’ amplesso, anche normale, se questo , nel caso concreto, sia pericoloso per la salute dell ’altro coniuge o altrimenti ineffettuabile senza danno probabile del paziente o della prole.” ( es. : da parte del marito sifilitico, ebbro, ecc. ; sulla moglie mestruante, malata, ecc.).

**Meta jikkummenta fuq dan is-suggett il-** CARRARA **“Programma” Parte Speciale Vol. II p. 292 jghid li:-**

“”E’ da notarsi che questo titolo si e’ dalla giurisprudenza riconosciuto applicabile anche alle violenze esercitate dal marito sopra la moglie <u>quando tendevano ad un fine che usciva dal debito coniugale</u>.” *(sottolinear ta’ din il-Qort).*

**Illi fil-ligi ngliza, l-principju regolatur kien li ;-**

**“*it is a general proposition that a husband cannot be guilty of a rape upon his wife : 1 Hale 629; but it would seem that the proposition does not necessarily extend to every possible case; see the remarks of the Judges in R. v. Clarence, 22 Q.B.D. 23”* (**ARCHBOLD’S **– CRIMINAL PLEADING , EVIDENCE & PRACTICE” p. 375.)**

SMITH & HOGAN **fil-monografija “Criminal Law” (4th. edit. P.401) jikkummentaw hekk fir-rigward :-**

***“The phrase , “unlawful sexual intercourse” , has been held , for the purposes of some sections of the Sexual Offences Act 1956, to mean “illicit” intercourse, that is, intercourse outside the bonds of marriage. The common law rule almost certainly was that a husband could not be convicted of raping his wife as a principal in the first degree. Parliament considered an amendment to the Sexual Offences Amendment Bill which would have made it possible for a husband to be convicted of raping his wife but in***

***the end decided to refer the question to the Criminal Law Revision Committee. The Act does tend to confirm the generally accepted view of the common law.***
***It was stated by HALE that :-***
***"the husband cannot be guilty of rape , for by mutual matrimonial consent and contract the wife hath given up herself in this kind unto her husband which she cannot retract."***

This view of the law seems to have been so generally accepted that there was no recorded prosecution of a husband for himself committing rape upon his wife until 1949 when Bryne J in Clarke accepted Hale's statement of the law as generally correct but held that an indictment would lie in that case, because the justices had made an order providing that the wife should no longer be bound to cohabit with the accused.

***"The position, therefore, was that the wife, by process of law, namely, by marriage, had given consent to the husband to exercise the marital right during such time as the ordinary relations created by the marriage subsisted between them, but by further process of law, namely the judges' order, her consent to marital intercourse was revoked."***

***It seems therefore, that with the above qualifications, Hale's statement probably represents the common law but it cannot be taken to have been settled beyond all doubt. In Clarence, the matter was considered, obiter, by the Court for Crown Cases Reserved and Wills J. stated that he was not prepared to assent to the proposition that rape between married spouses was impossible, while Field and Charles JJ. expressed doubts. A.L. Smith, Hawkins and Stephen JJ seem to have accepted the traditional view, though their judgements are not entirely clear on the point.***

***The question now is as to the meaning of "unlawful" in section 1 of the Act. If this were interpreted strictly***

***to mean "outside matrimony and not otherwise", the effect would be to reverse Clarke. That was certainly not Parliament's intention and the section should not be so interpreted. Thus intercourse by the husband with a wife may be "unlawful" where there has been a judicial separation or decree nisi of divorce or nullity, an injunction against molestation or an undertaking to the court not to molest. There may be other causes. In Clarence Stephen J. thought the husband's act was unlawful because it constituted cruelty and, as such a cause for judicial separation. Arguably, therefore, intercourse constituting a matrimonial offence is "unlawful" and capable of being rape if the other conditions are satisfied.***

*The basis for the general rule as stated by Hale is plainly fictitious – the wife may in fact have withdrawn her consent and the civil law recognises that she may properly do so in certain circumstances. She is not bound to submit to inordinate or unreasonable demands by her husband and may refuse intercourse because her husband has been guilty of a matrimonial offence, which she does not wish to condone, or because he is suffering from venereal disease. The criminal law should not be based upon fictions. It may be, however, that the continuance of the rule can be justified on grounds of policy."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

**Fir-rigward tal-ligi Maltija, il-**Professur Sir Anthony Mamo **(Notes on Criminal Law, [1955] Part. II pp.219-220), wara li jsemmi l-principju tal-ligi Ingliza f' Hale fuq citat , jillimita ruhu biex jistaqsi :-**

***"..Can the crime be committed by a husband on the wife?"*** **u jkompli biss billi jghid** ***:- "..In*** *Regina vs. N.N.* ***(26.8.1854) our Criminal Court (Sir Arturo Micallef) held that the crime of rape can subsist where a husband has unnatural carnal connection with his wife, with violence."***

F' dik is-sentenza (Kollez. Vol. 1. p. 1), il-Qorti Kriminali, meta cahdet eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u ddecidiet

li l-artikolu li jikkontempla r-reat ta' stupru jkopri ukoll il-kongungiment karnali kontra n-natura tar-ragel ma martu, bi vjolenza, qalet hekk :-

"…se la legge non comprendesse sotto le disposizioni del detto articolo 195 , il reato di cui e' parola, nascerebbe il notabile e rimarchevole assurdo, che una moglie, per la sola considerazione di moglie, dovrebbe considerarsi soggetta a qualunque atto violento della specie, di cui e' parola, a cui piacesse di assoggettarla il di lei marito"

**Minn dawn ic-citazzjonijiet wiehed jasal biex jghid li zgur li f' certi cirkostanzi jekk mhux dejjem, jista' jissussisti r-reat ta' stupru bejn il-konjugi, notevolment meta dawn jew ikunu separati, jew divorzjati, jew meta jkun hemm xi ordni tal-qrati biex ma jkunx hemm molestja, jew, f' kaz ta' mard kontaggjuz jew perikolu tas-sahha tas-soggett passiv, jew, kif qed jigi allegat fil-kaz odjern, meta l-penetrazzjoni tkun wahda kontra n-natura w li tezorbita w tmur oltre mill-*jus in corpore* moghti bil-kunsens matrimonjali mill-konjugi lil konjugi l-iehor u ghax tkun tirraprezenta *"inordinate or unreasonable demands by (the) husband".***

**Issa fil-kaz in ezami, apparti li qed jigi allegat li kien hemm penetrazzjoni anali u vaginali bi prodotti goffi tal-ortikoltura – fatt li ma jikkostitwix ir-reat ta' stupru imma se mai dak ta' attentat vjolent ghall-pudur, qed jigi allegat ukoll li kien hemm penetrazzjoni anali da parti tal-membru virili tal-appellant segwit minn sess orali forzat, fejn l-appellant inserixxa il-membru tieghu forzatament f' halq martu, hekk kif kien immedjetament wara l-penetrazzjoni anali. Dan l-agir – ovvjament jekk sar bi vjolenza u kontra r-rieda espressa tal-mara - fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi fid-dawl tal-awtur u gurisprudenza appena citata, r-reat ta' stupru vjolent. Inutili l-d-difiza tipprova targumenta li seta' kien hemm kongungimenti ta' dan it-tip fil-passat fejn il-mara setghet kienet konsenzjenti biex toghogob lil zewgha. Li jghodd hu jekk il-kunsens tal-mara kienx jezisti fl-**

**incident tal-5 ta' Lulju, 1998 u xejn aktar. Dan ghaliex il-mara ghandha kull dritt li tirrifjuta li tippartecipa f' atti kontra n-natura anki jekk fil-passat, ghal raguni jew ohra, tkun ikkonsentiet ghalihom. U jekk dawn l-atti jigu kommessi bi vjolenza jew bit-theddida ta' vjolenza kif qed jigi allegat li gara f' dan il-kaz, ikun jissussisti r-reat in dizamina ta' stupru vjolent, oltre dak ta' attentat vjolent ghall-pudur fuq imsemmi, kommess bl-uzu ta' l-inseriment ta' *"foreign bodies"* jew oggetti estraneji ghall-fini ta' penetrazzjoni anali w vaginali, dejjem jekk jirrizultaw pruvati.**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-aggravji l-ohra tal-appellant jiccentraw f'kull kaz dwar l-apprezament li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-fatti tal-kaz, l-isfond tal-prassi konjugali tal-konjugi ghal dak li jirrigwarda sess bejnithom, l-istato d' animo tal-appellant dak in-nhar tal-allegat incident u il-kondizzjoni psikologika tal-vittma.

**Issa gie dejjem ritenut li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti lill-Ewwel Qorti, din setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha b'mod *"safe u satisfactory".***

**Kif gie ritenut minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. vs. Cooper" **[1969] 1 QB 276:-**

***"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .."*** **(Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991) , p.1392)**

**Ikkonsidrat;**

**Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha dwar l-incident li bazikament jikkonsistu fid-depozizzjoni dettaljatissima li tat l-allegata vittma fis-seduta tal-4 t' Awwissu, 1998 (fols.33 sa 110 tal-process) w c-cahda kategorika da parti tal-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (fols. 12 sa 15) li f' dak il-jum kien gara xi haga simili, ghajr tilwima verbali dwar l-incident tal-lejl ta' qabel meta l-konjugi kienu tlewwmu w martu qabdet u harget il barra wahedha w spiccat qattghet il-lejl barra gor-*reception area* ta' lukanda f' Bugibba. L-appellant baqa' jichad li kien sar xi sess bl-irbit dak in-nhar meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 169 sa 176). Semma pero' li drabi qabel kienu saru affarijiet hekk bil-kunsens tat-tnejn u emfasizza li martu kienet tbaghti mid-depression. Irid pero' jissemma ukoll li fil-11 ta' Settembru, 1998, meta regghet xehdet l-allegata vittma biex tahfer lil zewgha, hi regghet ikkonfermat kull ma kienet xehdet qabel bhala li kien *"kollox minnu".* Pero' meta regghet xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, din id-darba imsejjha mid-difiza, fl-1 ta' Marzu, 2002 (fols. 187 sa 196) ipprovat timminimizza kollox u sahansitra pprovat taghti sinifikat inqas konkluzziv lill-elementi korroboratorji li ressqet il-Prosekuzzjoni biex tissostanzja l-kaz taghha. Meta xehdet quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2006, kif fuq riassunt, ghamlet appell biex zewgha ma jintbaghatx il-habs.**

**Ikkonsidrat;**

**Li l-Ewwel Qorti ghamlet analisi dettaljata tal-provi u fil-fehma ta' din il-Qorti gustament ikkonkludiet li l-fatti kienu graw kif iddeskriviethom il-vittma fl-ewwel depozizzjoini dettaljata w ezawrjenti taghha. L-Ewwel Qorti ukoll siltet l-elementi korroboratorji konsistenti senjatament mill-marki li rriskontra Dr. Julian Mamo fuq l-ghekiesi u fuq il-polz tal-mara, li jsahhu l-versjoni taghha li hi kienet giet marbuta bil-habel minn dawn il-postijiet, kif xehdet hi. Hemm ukoll il-versjoni ta' Valerie Sciberras dwar li l-vittma cemplitilha w qaltilha li zewgha kien rabatha bil-hbula.**

**Jissemmew ukoll il-korroborazzjoni tal-istorja tal-vittma fuq dettalji periferali li ghalkemm ma jirrigwardawx l-incident per se ikomplu jsahhu l-versjoni taghha dwar x' kien gara mil-lejl tas-sibt sal-ghada filghodu meta gara l-incident mertu tal-kawza. Hemm umbaghad il-prova korroboratorja tas-*shorts* imqatta' bil-mus u l-bicciet tal-hbula uzati biex hi giet marbuta li jinsabu esebiti fil-process. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konsiderazzjonjiet li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet biex temmen l-ewwel versjoni tal-vittma u tara li dan l-Ewwel Qorti setghet tasal ghalih b' mod li hu anki "*safe and satisfactory*".**

**Illi s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant li dak li seta' sar, jekk sar, sar bil-kunsens tat-tnejn, apparti milli jikkontradici c-cahda kategorika tal-appellant li dak in-nhar qatt sar xi haga simili, qed jinjora il-fatt li skond il-vittma hi marret fil-kamra tas-sodda fejn qalilhabiex tmur zewgha sforz il-biza' li kellha minnhu in vista' ta' okkazzjonijiet ta' swat precedenti, u li meta hu gie biex jorbotha, kellu mus f' idejh li mhux biss beda' jheddidha bih imma addirittura kien qed imissu u jmexxieh fuq gisimha b' atteggjament u kliem ferm minaccjanti. Una volta li kien rabatha, umbaghad seta' jibda' jaghmnel l-atti ta' sevizzji w umiljazzjonijiet sesswali li jirrizultaw. Dan qatt u bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jissejjah agir konsenzjenti da parti tal-vittma. Dan l-irbit, li jikkostitwixxi ukoll l-element materjali tal-arrest illegali, (ara** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici" **(sentenza preliminari) [5.1.2004] ) zgur li ma sarx ghax riedet il-vittma imma taht theddid ta' xi feriment bil-mus. Il-vittma mbaghad spjegat fix-xhieda taghha b' mod altru milli konvincenti ghala ma sejjhitx ghall-ghajjut meta isfel jew barra t-triq kien hemm it-tfal ghax ma riedetx li zewg subien ta' eta' tenera jitilghu w jidhlu fuqhom u jsibu lill-ommhom f' dak l-istat umiljanti. Din il-Qorti qed izzomm lura milli telabora aktar dwar x' kien dan l-istat ghal tal-apposta!**

**Anki jekk bejn il-konjugi kienu isehhu xi *"sexual practices*" mhux komuni f' okkazzjonijiet precedenti,**

**kif donnu jrid jaghti x' jifhem l-appellant u anki sa certu punt il-vittma meta regghhet xehdet imtella mid-difiza, dan b' ebda mod ma jiskuza dak li gara fil-5 ta' Lulju, 1998, fejn dak li kien qed isir ma kienx semplici esperimentar fl-att sesswali imma att ta' umiljazzjoni tal-mara minn zewgha irrabjat biex, kif xehdet hi, jgieghla taccetta li hu hemmhekk kien ir-ragel u li hi ma kienet xejn. Di fatti beda jghilha biex tghid u tirrepeti dan il-kliem. Di fatti wara li assoggettaha ghall-sevizzji w minaccji, t-tip tas-sess u penetrazzjoni li kellu maghha kien intiz biex izeblaha w jumiljaha w mhux biex jaghti pjacir, jew biss biex jesperimenta bis-sess. Kien agir ispirat mill-vendikazzjoni, mis-sens ta' tpattija ghall-fatt li hi kienet ghaddiet il-lejl ta' qabel barra, w b' hekk speci sfidat il-virilita', l-awtorita' w l-axxendent tieghu fuqha.**

**Illi ukoll anki jekk f' xi zmien inkluz il-periodu in kwistjoni, l-vittma kienet issofri minn xi episodji ta' *depression* u sahansitra kien hemm okkazzjonijiet meta hi stess kienet thoss li ghandha tigi rikoverata ghall-kura fl-isptar Monte Carmeli, dan *per se* ma jirrendix il-versjoni originali taghha li kienet konsistenti ghall-ahhar mhux kredibbli. Jidher li l-appellant qed jipprova jaghmel kapital minn dan l-istat ta' martu biex jizgicca mir-responsabbilta' kriminali, ghall-agir tieghu. Hu minnu li l-vittma meta ssejhet biex tixhed mid-difiza, xehdet li kieku kienet normali u b' sahhitha dak iz-zmien zgur li ma kienetx taghmel ir-rapport li ghamlet, imma din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – tista' tifhem ghaliex issa l-vittma qed tipprova toffuska l-verita' ta' dak li gara b' dan il-mod.**

**Il-motiv jew l-istato d' animo tal-appellant waqt li kien qed jaghmel dawn l-atti fuq martu ma hux rilevanti ghall-kaz ghaliex ir-reat ta' stupru vjolent u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika jew xi motivazzjoni partikolari. Wiehed jista' jikkomettihom biss ghall sodisfazzjoni sesswali, jew ghal skopijiet sadistici, jew ghal xi *"fetish"* jew addirittura biex jumilja u jivvendika ruhu mil-vittma. Kull kif, una volta ikun hemm l-icken penetrazzjoni,**

**anki kontra n-natura, kontra l-kunsens tal-vittma, r-reat jissussisti.**

**F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha b' xi mod tiddisturba l-konkluzjoni ta' htija fuq l-akkuzi kollha li ghaliha waslet l-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravji kollha li jirrigwardaw is-sejbien ta' htija qed jigu respinti.**

**Illi dwar l-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

Illi anki jekk wiehed iqis li r-reat ta' arrest illegali ghandu jigi assorbit fir-reat ta' stupru vjolenti billi serva bhala mezz kif seta' jigi kommess ir-reat aktar gravi ta' stupru skond l-artikolu 17 (h) u anki jekk wiehed jargumenta li bejn ir-reat ta' offizi ta' natura hafifa, dak ta' attentat vjolent ghall-pudur u r-reati l-ohra hemm il-konkors formali jew ideali w ghalhekk tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi biss, jibqa' fatt li l-piena ghar-reat ta' stupru vjolent, bl-aggravanti kontenuti fis-subincizi (e) u (f) tal-artikolu 202 , fejn allura l-piena tizdied bi grad, ghandha minimu ta' erba snin u massimu ta' tnax il-sena prigunerija, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Ghalhekk l-Ewwel Qorti giet erogat il-minimu tal-piena possibli fis-sentenza appellata.

**Meta ghamlet dan, l-Ewwel Qorti qalet li kienet qed tikkonsidra l-fedina penali tal-appellant kif ukoll il-fatt li martu rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali. Igifieri dawn il-fatturi gja ttiehdu in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, favur l-appellant.**

**Illi hu minnu li l-vittma ghamlet appell lil din il-Qorti biex zewgha ma jintbaghatx il-habs ghall-dak li ghamillha w dana kemm fl-interess taghha stess kif ukoll ta' uliedhom. Dan l-appell qed jipprejokkupa**

**hafna lil din il-Qorti w tatu konsiderazzjoni fit-tul. Illi pero' f' dan il-kaz, il-Qorti m' ghandix alternattivi ohra – anki jekk tara li l-appell tal-vittma ghandu jinghata piz.**

**Di fatti, din il-Qorti hija prekluza milli tapplika piena ta' inqas minn erba snin prigunerija bla ma jkollha ragunijiet specjali w straordinarji biex tista' taghmel dan skond l-artikolu 21 tal-Kap.9 . Fil-fehma ta' din il-Qorti pero' dawn ic-cirkostanzi specjali w straordinarji ma jezistux f' dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti hija vinkolata bil-minimu ta' erba snin prigunerija fuq indikat.**

**Illi lanqas jidher li hi miftuha ghal din il-Qorti it-triq li taghti xi provvediment taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta konsistenti f' xi ordni ta' probation skond l-art. 7 (2) (a), xi ordni ta' servizz fil-komunita' skond l-art. 11 (1) jew xi liberazzjoni kondizzjonata skond l-artikolu 22 (1). Dan ghaliex il-piena ghar-reat ta' stupru vjolent, anki minghajr l-aggravanti, teccedi dik ta' seba snin prigunerija. Lanqas ma japplika l-proviso ghall-artikolu 7 (2) li japplika ukoll ghall-artikolu 11 (1), ghaliex il-piena ghar-reat ta' stupru vjolent aggravat teccedi ukoll l-ghaxar snin kif fuq intqal.**

**Inoltre biex il-Qrati jkunu jistghu japplikaw il-provvedimenti tas-sentenza sospiza skond l-artikolu 28 A tal-Kap. 9, irid ikun kaz fejn il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn. F' dan il-kaz pero' din il-Qorti dan ma tistax taghmlu minghajr ma tinzel taht il-minimum ta' erba snin prigunerija preskritt mill-istess ligi. Ghalhekk jidher li din il-Qorti hija prekluza milli taghti sentenza sospiza.**

**Ghalhekk idejn il-Qorti huma marbutin u, minnkejja kull appell li sar mill-vittma biex l-appellant ma jintbaghatx il-habs, ma tistax hlief tikkonferma l-piena li nghatat lill-appellant fis-sentenza appellata li hija fil-minimu taghha.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------